



Servizzi ta' ħlas elettroniku: Il-Kunsill jadotta regoli aġġornati

Fis-16 ta' Novembru 2015, il-Kunsill adotta direttiva li għandha l-għan li tkompli **tiżviluppa suq fl-UE kollha** għall-ħlas elettroniku.

Id-direttiva tinkorpora u tirrevoka d-direttiva 2007/64/KE, li pprovdiet il-bażi legali għall-ħolqien ta' suq uniku fl-UE kollha għall-ħlas elettroniku.

Id-direttiva riveduta tadatta r-regoli biex tkopri servizzi ta' ħlas **emerġenti u innovattivi**, inkluż ħlas permezz tal-internet u ċ-ċellulari. Hija għandha l-għan li tiżgura **ambjent aktar sigur** għall-ħlas, b'mod partikolari għal min juża mezzi remoti.

Bidliet fil-kummerċ elettroniku

Mill-adozzjoni tad-direttiva oriġinali dwar servizzi ta' ħlas fl-2007 'l hawn, fil-qasam tal-kummerċ elettroniku evolwew metodi innovattivi **għall-bidu tal-ħlas**. Normalment dawn jiffurmaw "pont" ta' software bejn is-sit web tan-negozjant u l-pjattaforma bankarja online tal-bank ta' min iħallas sabiex jinbdew ħlasijiet permezz tal-internet abbażi ta' trasferiment ta' kreditu. Dawn is-servizzi issa huma koperti mid-direttiva. Huma jippermettu lill-fornitur tas-servizz tal-bidu ta' ħlas (li qatt ma jkun fil-pussess tal-fondi tal-utent) jipprovdi serħan tal-moħħ lill-benefiċjarju li l-fondi meħtieġa għal tranżazzjoni speċifika ta' ħlas ikunu disponibbli fil-kont tal-konsumatur u li l-ħlas ikun inbeda.

Ġiet stabbilita wkoll sistema regolatorja li tkopri l-attivitàjiet tas-servizzi ta' **informazzjoni dwar il-kontijiet**. Dawn is-servizzi joffru lill-utent tas-servizz ta' ħlas, pereżempju, informazzjoni aggregata online dwar kontijiet ta' ħlas miżmuma għand fornituri oħrajn ta' servizzi ta' ħlas. Dan jippermetti lill-utent tas-servizz tal-ħlas li jkollu stampa globali tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu fi kwalunkwe mument, fi ħdan ambjent sigur.

Ħlas sigur permezz tal-internet

Fl-istess ħin, id-direttiva tippromwovi miżuri ta' sigurtà aktar b'saħħithom għall-ħlas permezz tal-internet u għall-użu tas-servizzi pprovduti minn atturi ġodda fis-suq. Hija ser tiżgura l-**awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijenti** biex tidentifika lill-klijent għal kull tranżazzjoni. Is-sistema l-ġdida u msaħħa ta' superviżjoni ser iżżid aktar il-livell ta' sigurtà u l-ħarsien tal-konsumatur f'dan il-qasam.

Skadenza għall-istati membri

Id-direttiva ġiet adottata f'laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, mingħajr diskussjoni. L-istati membri ser ikollhom **sentejn biex jittrasponu** d-direttiva fil-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali tagħhom.

Intlaħaq qbil dwar it-test mal-Parlament Ewropew fil-5 ta' Mejju 2015. Konsegwentement, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-8 ta' Ottubru.

- [2015 directive on payment services](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press